MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 209/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. L. Calleja)**
**Vs**
**Joseph Debono**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. fit-23 ta' Gunju, 2001, fl-omissis, bi vjolenza, kkommetta stupru fuq omissis 1, minuri ta' hdax-il sena;
2. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b'eghmil zieni, kkorrompa lill-imsemmija minuri omissis 1;
3. fl-istess data, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija minuri omissis 1 kontra l-volonta' taghha, jew ta l-post biex din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew sekwestrata w dan bhala mezz

biex l-imsemmija minuri tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
4. talli fil-perjodu tas-sena 2002, fl-omissis, b'eghmil zieni kkorrompa lill-minuri omissis 2 ta' tnax-il sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Gunju, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-26 ta' Frar, 2003, kif ukoll l-artikolu 17(b) u 201(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu w ikkundannatu ghal prigunerija ta' hames (5) snin.
Il-Qorti ddikjarat mhux hati tar-raba' akkuza migjuba fil-konfront tieghu w illiberatu mill-istess akkuza.
Fl-ahhar nett il-Qorti ordnat li biex tigi protetta l-identita' tal-minuri koncernati, isimhom u kunjomhom, isem u kunjom il-genituri taghhom, il-post fejn joqghodu u fejn imorru skola kif ukoll isem u kunjom l-appellant m'ghandhomx jixxandru jew jigu pubblikati fuq il-media jew fuq l-internet.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta' Lulju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevokaha in kwantu din sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuza w ikkundannatu ghal hames snin prigunerija, b'dan li tilliberah minnhom, u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li biha l-appellant instab mhux hati tar-raba' akkuza w gie liberat minnha.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe:- 1. L-ewwel aggravju jirrigwarda c-cahda tar-rikors tieghu tal-24 t' April, 2008, li bih hu kien talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza w talab li jkompli jressaq ix-xhieda tieghu. Dan jammonta ghall-ksur tal-principju tal-"*fair hearing"* u tal-principju ta' *audi alteram partem* . 2. Li fuq il-mertu w bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-istorja tal-minuri li giet stuprata b' penetrazzjoni

gol-vagna akkompanjata bi qbiz li dam sejjer bejn 10 u 15 minuti, kienet biss frott tal-immaginazzjoni tat-tifla. Jekk il-Qorti tistabilixxi li din il-minuri ma qalitx il-verita', ix-xhieda l-ohra kollha ma jiswew xejn ghax kollha qalu x' qaltilhom it-tifla. 3. Subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, l-ewwel u t-tielet akkuzi jirduppjaw is-suxxettibilita' ghall-piena. L-ewwel akkuza tipprezumi vjolenza minhabba l-eta' tat-tifla mentri t-tielet akkuza hija aggravata minhabba li l-allegat sekwestru kien akkompanjat minn atti ta' natura sesswali. B' hekk l-istess att sesswali qed jigi punit taht zewg akkuzi; l-ewwel u t-tielet. 4. Li l-kondizzjoni mentali tal-appellant (paranoid personality disorder) kellha tittiehed in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti meta giet biex teroga l-piena. Ikun ferm u ferm aktar opportun li l-appellant jinghata piena alternattiva ghal wahda ta' prigunerija effettiva.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda dak li l-appellant jallega li hu zball procedurali li pprivah mid-dritt ghal smiegh xieraq u li jikser il-principju tal-gustizza naturali tal-*audi alteram partem.*

Illi dan l-aggravju jitnissel bhala rizultat tal-mod, bla programm u minghajr ebda sens ta' urgenza w speditezza li sfortunatament qed jitmexxew bihom uhud mill-kawzi kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali, f' eghluq il-kumpilazzjoni, jibghat in-Nota ta' Rinviju ghall-gudizzju.

Jinghid mill-ewwel li l-osservazzjonijiet segwenti mhumiex intiz li b’ xi mod jitfghu xi dawl ikrah fuq l-operat tal-gudikant li finalment iddisponiet minn din il-kawza, billi jirrizulta li hi ippruvat taghmel minn kollox biex iggieghel lill-appellant jaghalaq il-provi tieghu w huwa proprju ghax fl-ahhar, meta rat li kollox ghalxejn, li ghaddiet biex taghti s-sentenza appellata li fuq din id-decizjoni taghha li hu bazat l-ewwel aggravju tal-appellant.

B’dana kollu din il-Qorti tosserva li qed jigri ta' spiss li, jew ghal raguni jew ghall-ohra, dawn il-kawzi qed jibqghu jkarkru, tlieta, erba, hames jew sitt snin bla ma jigu konkuzi b' sentenza finali. Fil-waqt li din il-Qorti hija konxja mill-pressjoni kbira ta' xoghol li waqghet u qed tkompli taqa' fuq il-Qrati tal-Magistrati biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom kemm civli kif ukoll krminali, zieda li ma giet qatt kompensata b' zieda proporzjonali fin-numru ta' gudikanti, kif ukoll fil-waqt li hi konxja bl-esigenzi ta' xoghol iehor kemm ta' ufficjali tal-prosekuzzjoni kif ukoll tal-avukati difensuri, jidher li f' certi kazijiet intilef kull sens ta' zmien w urgenza w l-kawzi qed jigu konsidrati ***"sub specie aeternitatis"*** bhallikieku hemm l-eternita' biex jigu trattati w decizi. Din is-sitwazzjoni ma hix tollerabbli, partikolarment fil-kamp penali, w ghandha tigi indirizzata b' urgenza w determinazzjoni minnufieh minn kull min hu involut b' xi mod fl-amministrazzjoni tal-gustizzja kriminali. *De lege condenda* forsi jkun opportun li jigu introdotti certi termini ta’ zmien biex kawzi f’ dan l-istadju w cioe’ wara r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali , jigu decizi fi zmien ragonevoli u b’ mod spedit.

Il-kaz in ezami hu wiehed tipiku fejn thallew jghaddu kwazi hames snin u nofs bejn in-nota tar-rinviju ghal-gudizzju sas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Ezami tal-*iter processwali* ta' din il-kawza jirrivela s-segwenti ;-

Wara li l-Avukat Generali baghat in-nota ta' rinviju fis-26 ta' Frar, 2003, kellha ssir seduta fil-21 ta' Marzu, 2003 izda dak in-nhar, ghalkemm deheret l-ufficjal prosekutur, l-appellant ma deherx u giet prodotta riferta negattiva tieghu w ma seta' jsir xejn. Il-kawza giet differita ghall-11 ta' Gunju, 2003 meta deher l-appellant assistit imma, peress li Dr. Anna Maria Cassar kienet imsiefra, rega' ma sar xejn u l-kawza baqghet differita ghas-26 ta' Gunju, 2003. F' din l-ahhar data xehdet Dr. Cassar fil-prezenza tal-imputat u tal-ufficjal prosekutur izda, peress li l-partijiet talbu differiment biex jirregolaw ruhom, il-kawza regghet giet differita. Fis-16 t' Ottubru, 2003, deher l-appellant minghajr avukat u l-ufficjal prosekutur iddikjarat li kien ghad fadlilha xi xhieda w l-kawza giet differita ghall-15 ta' Jannar, 2004. Fil-15 ta' Jannar, 2004 xehdet l-Ispettur

Louise Calleja fil-prezenza tal-appellant u l-avukat tieghu w l-kawza giet differita ghas-6 t' April, 2004. Fis-6 t' April, 2004, l-appellant -fl-ahhar - iddikjara li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dik il-Qorti. L-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u l-kawza baqghet differita ghat-8 ta' Lulju, 2004 ghall-provi tad-difiza.

Dan l-istadju tal-provi tad-difiza ha addirittura erba snin!

Fit-8 ta' Lulju, 2004 ma sar xejn ghax il-Qorti kienet indisposta. Fl-24 ta' Novembru, 2004, l-Avukat Jose' Herrera irrinunzja ghall-patrocinju tal-appellant ghax dan ma setax ihallas u ghalhekk il-Qorti innominat lil Dr. Leslie Cuschieri biex jippatrocinah. Il-kawza giet differita mill-gdid ghall-provi tad-difiza ghat-22 ta' Marzu, 2004. Dak in-nhar pero' l-appellant ma deherx u l-kawza regghet giet differita ghall-provi tad-difiza ghall-20 ta' Lulju, 2005. Dak in-nhar b' ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghas-26 ta' Jannar, 2006, izda minhabba seminar dak in-nhar rega' ma sar xejn u l-kawza giet differita ghas-6 t' April, 2006. Dak in-nhar l-appellant rega' ma deherx.

Sadattant il-kawza giet assenjata lil gudikant iehor u fil-5 t' Ottubru, 2006 b' ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghall-5 ta' Dicembru, 2006. Dak in-nhar, ghalkemm deher l-appellant assistit minn Avukatessa ohra, Dr. Leslie Cuschieri l-avukat appuntat biex jassisti lill-appellant baghat jitlob differiment u l-kawza kellha ghalhekk tigi differita ghat-8 ta' Marzu, 2007. Dak in-nhar deher l-appellant izda dan informa lill-Qorti li l-avukat tieghu kien impenjat f' seduta u baghat jitlob differiment. Il-Qorti ghalhekk iddifferiet il-kawza ***"ghall-ahhar darba bl-intiza cara li jekk ma jressaqx provi, il-kawza tigi differita ghas-sentenza fuq il-provi li hemm."***

Fit-18 ta' Mejju, 2007, l-appellant, li dak in-nhar kien assistit mill-Avukatessa Daniela Mangion, xehed izda d-difiza regghet talbet differiment "biex tirregola ruha" (fol. 116). Ghalkemm hu minnu li f' din ix-xiehda qasir l-appellant ma semma xejn dwar il-mertu tal-kaz u ghalkemm aktar tard f' rikors ghas-sospensjoni tal-

prolazzjoni tas-sentenza , l-appellant allega li dak in-nhar ma kompliex jixhed ghax hassu hazin, fil-prime note ma gie verbalizzat xejn f' dan is-sens u kull ma gie registrat kien : ***"Id-difiza talbet differiment biex tirregola ruha."*** Il-kawza ***"regghet giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi difiza ghas-27 ta' Lulju, 2007."*** Dak in-nhar l-appellant rega ma deherx u dan minkejja li fis-seduta precedenti kien gie notifikat fl-awla bid-differiment. Il-Qorti sabitu hati ta' disprezz, ikkundannatu LM50 multa u ordnat li ghas-seduta li jmiss tad-9 ta' Novembru, 2007, jinhareg mandat t' arrest. Dak in-nhar l-appellant deher imma l-ufficjal prosekutur baghtet titlob differiment ghax kienet imsiefra w l-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti tal-24 ta' Jannar, 2008. Dak in-nhar ghat-tieni darba l-ufficjal prosekutur regghet talbet differiment ghax kienet imsiefra. Il-Qorti ordnat komunika lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn issollecitat lill-ufficjal prosekutur sabiex taccerta ruha li tkun prezenti fis-seduta li kien imiss. Fit-3 t' April, 2008, rega' ma deherx Dr. Cuschieri w il-Qorti, wara li rrilevat li l-kawza giet diversi drabi differita ghall-provi tad-difiza, ddifferiet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta' li l-Prosekuzzjoni w id-Difiza jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet finali. Fl-24 ta' April, 2008, l-appellant ipprezenta rikors fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza w tawtorizzah iressaq ix-xhieda, izda bla indika min kienu dawn ix-xhieda . L-Avukat Generali oppona ghall-dan u l-Qorti b' digriet tat-2 ta' Mejju, 2008, cahdet din it-talba.

Fit-13 ta' Gunju, 2008, l-appellant ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet u fis-26 ta' Gunju, 2008, il-kawza finalment giet deciza.

Minn dan jidher li ghalkemm hu minnu li saru zewg differimenti ghax l-ufficjal prosekutur ma setghetx tattendi w xi zewg jew tlitt differimenti ordnati mill-Qorti, id-differimenti l-ohra kollha kienu dovuti ghal nuqqas ta' dehra tal-appellant innifsu jew tal-avukat tieghu. F' din is-sitwazzjoni ta' ostruzzjonizmu da parti tal-appellant l-Ewwel Qorti kienet altru milli gustifikata li ma takkordax differimenti ohra lill-appellant biex iressaq il-provi tieghu

wara erba snin. Anzi l-Ewwel Qorti forsi kienet indulgenti izzejjed mal-appellant f' dar-rigward.

Kieku l-appellant ried verament jixhed u jressaq xi provi hu kien inghata zmien u opportunita' bizzejjed li jaghmel dan fuq firxa ta' erba snin. Izda hu ghazel li jibqa' jilghab il-loghba tad-dewmien ghall-skuza jew ohra. Ghalhekk issa ma jistax jilmenta minn xi nuqqas ta' smiegh xieraq jew xi ksur tal-principju ta' audi alteram partem. Ghalhekk l-ewwel aggravju hu infondat u qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi it-tieni aggravju jirrigwarda l-mertu tal-kaz u partikolarment l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti  fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “inter alia” l-Appelli Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94]; “**Ir-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi** “ [14.2.1989]; **“Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991] ; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit”** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **“R. v. Cooper**” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done,  then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll* ***BLACKSTONE'S CRIMINAL*** **PRACTICE** (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta …. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti w rat il-video tax-xiehda tal-minuri biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi li fis-sustanza jirriducu ruhom ghall-versjoni li tat il-minuri tal-akkadut u c-cahda tal-incident kontenuta fl-istqarrija tal-appellant. Din il-Qorti ma ssib xejn x' ticcensura fuq il-motivazzjoni tas-sentenza appellata meta accettat li ghandha titwemmen il-versjoni guramentata tal-minuri li tekeggja dak li kienet qalet lill-ghalliema taghha lis-social workers u lill-Ispettur tal-Pulizija. Il-mod kif bdiet l-investigazzjoni w cioe' li meta t-teacher staqsiet lill-klassi fil-lezzjoni tal-PSD biex jibdew jitkellmu jew jghidu xi esperjenza li jkunu jafu dwarha, dwar relazzjonijiet mal-boyfriend u biex il-bniet ma jhallux lil boyfriends jiehdu kunfidenza maghhom u jmissuhom, innutat li l-minuri bdiet tibki . Meta staqsieta : *"Xi gralek?"* il-minuri wegbitha *"Miss ghax jiena imissuni."* (fol. 83) Minn dan jidher car li l-minuri ma kixfitx dak li gara minnhabba xi sens ta' bravado quddiem shabha tal-grupp fil-klassi jew minn xi spirtu ta' hazen jew vendikazzjoni kontra l-imputat appellant imma ghax genwinament kienet hassitha abbuzata.

Minn hemm il quddiem umbaghad dahlu diversi *teachers* u *social workers* ohra li maghhom il-minuri rrepetiet l-istess versjoni w minn hemm dahlet il-Pulizija.

L-appellant jissottometti li l-versjoni tal-minuri ma hix kredibbli ghax ma setax ikun li l-appellant ghamel ghaxar minuti kwarta jaqbez il fuq u l-isfel fuq il-minuri bil-parti tieghu privata gol-vagina taghha u ma jkunx hemm sinjali ta' dan fil-parti genitali tal-minuri hlief in-"*notch*" jew "*a little tear fil-hymen*", li turi *degree* zghira ta' trawma fil-*hymen.* li nstabet minn Dr. Mangion (fol. 31 u 32). Imma kif inhu risaput anki jekk ma kienx hemm penetrazzjoni shiha , l-inqas grad ta' penetrazzjoni virili mal-parti genitali femminili hija bizzejjed biex jikkonkretizza ruhu ir-reat ta' stupru vjolent. Fil-fehma ta' din il-Qorti din it-trawma fil-hymen hija kompatibbli ma tali grad ta' penetrazzjoni w ma tgiddibx lit-tifla anzi pjuttost issahhah il-verzjoni taghha li fiha spjegat ukoll li kien hargilha d-demm u kellha tmur fil-kamra tal-banju tinhasel u tahsel il-qalziet ta' taht taghha mid-demm. Terga' u tghid it-tifla ma kellha ebda interess li tikkrejha din l-istorja, mentri l-appellant ghandu kull interess li jichad dak li qed tghid it-tifla.

Hemm umbaghad il-fattur korroborattiv li l-appellant fl-istess epoka kien ukoll ipprova jittanta b' tokkati u kliem ta' indoli sesswali lill-kugina tal-minuri ukoll minorenni (ara fol. 26 sa 28) u dan ikompli juri l-inklinazzjoni pedofila tal-appellant.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003] *"Mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata . Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."*

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ma ghandix tiddisturba l-apprezzament tal-provi li l-Ewwel Qorti ghamlet fir-rigward tal-ewwel reat.

Fejn din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti hu fejn qieset li bil-fatt li f' okkazzjonijiet ohra, l-appellant rega' stieden lill-minuri biex tmur fil-kamra tieghu biex jaghmlu l-istess haga - izda hi ma marritx - u fejn darba messilha kuxtejha, dan kien jikkostitwixxi r-reat ta' korruzzjoni tal-minorenni kontemplat fit-tieni imputazzjoni. Kjarament dawn il-fatti ma jammontawx ghar-reat in kwistjoni, ghalkemm jistghu jammontaw ghal xi reat iehor bhal dak kontemplat fl-art. 203A u 207 tal-Kodici Kriminali.

Invece, bil-fatt tal-istrupru kien qed jigi ukoll kommess reat iehor u cioe' dak ta' korruzzjoni tal-minorenni, izda bejn dawn iz-zewg reati hemm il-konkors formali jew ideali ghax l-istess fatt kien qed jaghti lok ghall-kommissjoni ta' zewg reati differenti w konsegwentement il-piena li trid tinghata trid tkun ghal reat wiehed u mhux ghaz-zewg reati.

L-istess, ghalkemm huwa fatt pruvat l-immobilizzar tal-minuri billi l-appellant zammilha idejha wara darha w ma hallihiex ticcaqlaq, u dan kien normalment jaghti lok ghar-reat ta' sekwestru tal-persuna, f' dan il-kaz pero' dan l-agir

konsistenti fl-impozizzjoni ta' persuntu fuq il-persuna tal-minuri, fih innifsu kien jikkostitwixxi element tal-istess stupru vjolent u anki hawn jezisti l-konkors formali jew ideali ta’ bejn ir-reat tal-istupru vjolent u dak ta' sekwestru tal-persuna.

Illi l-Qorti Kriminali fis-sentenza motivata taghha fil-kawza: **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino et."** [19.10.2006] f' kaz fejn kien hemm akkuza simili ta' arrest illegali oltre akkuzi ta' stupru w fejn, meta l-ufficjal investigattiv giet mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta’ sekwestru tal-persuna, din kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali maghhom, kienet irriteniet li:-.

*"…. dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta’ stupru vjolent ……… jew dik ta’ korruzzjoni ta’ minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta’ sekwestru "per se". Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn “consenting adults” taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta’ sekwestru ghax hu risaput li f’ hafna kazi l-att sesswali f’ certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta’ persuna minn persuna ohra."*

Ikkonsidrat;

Illi dwar it-tielet aggravju dan diga' gie trattat fil-paragrafi precedenti fis-sens li hu minnu li ladarba l-appellant kien diga nstab hati ta' stupru vjolent, anki jekk l-istess fatt ta' lok ghall-kommissjoni ta' reati ohra kif fuq intqal, ghandu jigi punit biss ghar-reat ta' stupru vjolent. F' dan is-sens ghalhekk dan l-aggravju jidher fondat. Di fatti l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata f' ebda mod ma rreferiet ghall-konkors ideali jew formali bejn id-diversi reati li taghhom sabet htija, imma fid-*decide* ccitat biss l-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali, li jindika li giet applikata piena kumulattiva jew komplessiva ghat-tlitt reati li taghhom instabet htija, meta dan ma kellux isir.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tar-raba aggravju dwar il-piena, il-konkluzzjoni appena raggunta bil-fors li issa tkun trid tigi riflessa fil-piena erogata. Illi ghalkemm il-piena ghar-reat ta' stupru vjolent wahdu hija dik ta' prigunerija minn tlitt snin sa disa' snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha, w ghalhekk il-piena erogata mill-ewwel Qorti ta' hames snin prigunerija taqa' entro l-paramentri tal-ligi w din il-Qorti, konsidrat il-gravita' tar-reat, ma kienetx tkun propensa li tirriduci din il-piena, in vista' ta' dak li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz: **“Joseph Portelli vs. Kummissarju tal-Pulizija et.”** [10.11.2008], il-konkluzzjoni raggunta dwar it-tielet aggravju trid bil-fors timporta riduzzjoni fil-piena, kif ser jinghid hawn taht.

Pero’ dan mhux ghar-raguni imressqa mill-appellant fir-raba’ aggravju tieghu. L-appellant gie certifikat minn psikjatra nominat mill-Qorti li *“minkejja li l-personalita’ tieghu hija difettuza, l-istat mentali tieghu hu normali w hu mhux maqtugh mir-realta’, jafx’ qed jaghmel u jifhem il-konsegwenzi tal-atti tieghu, pero’, minnhabba d-difett fil-personalita’ tieghu, jista’ ma jqisx bizzejjed il-konsegwenzi tal-agir tieghu.”* Dan ma jezonerahx mir-responsabbilta’ kriminali tieghu w tenut kont anki tal-kondotta refrattarja tieghu aktar u aktar jehtieg li s-socjeta’ tigi protetta mill-agir tieghu. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li fic-cirkostanzi ghandha tapplika xi provvediment iehor taht il-Kap.446 jew bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap. 9. Sentenza sospiza ma tistax tinghata f’ dan il-kaz billi l-piena minima preskritta mill-ligi teccedi s-sentejn prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi milqugh biss fis-sens li din il-Qorti qed tiriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel tlitt imputazzjonijiet u ma sabitux hati tar-raba' imputazzjoni, bl-applikazzjoni tar-regoli dwar il-konkors formali jew ideali tar-reati w kif dawn jeffettwaw il-pieni, tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' hames snin prigunerija w minnflok tikkundannah ghall-piena wahda ta' erba snin prigunerija ghar-reat ta’ stupru vjolent kompriz fl-ewwel imputazzjoni.

Inoltre, fil-waqt li tikkonferma ukoll l-ordni tal-Ewwel Qorti li, biex tigi protetta l-identita' tal-minuri koncernati, isimhom u kunjomhom, isem u kunjom il-genituri taghhom, il-post fejn joqghodu w fejn kienu jmorru skola m'ghandhomx jixxandru jew jigu publikati fuq il-media jew fuq l-internet, tirrevokaha l-istess ordni fir-rigward ta' isem l-imputat appellant, u dana billi hu fl-interess ukoll tas-socjeta' li tkun informata dwar persuni b' tendenzi pedofili bhal dawk tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------